**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;**

**Rikors nru: 287/2020 AGV;**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 1 ta' Settembru 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-parijiet izzewwgu fis- 7 ta' Novembru 1992 kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi ippubblikat fit-13 ta' Marzu 2017 (Kopja tal-kuntratt anness u mmarkat Dok. B);
3. Illi l-avukat tal-esponenti ddiskutiet il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u offriet l-ismijiet u indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna

fil-process ta' rikonciljazzjoni, bejn il-mizzewwgin. Madankollu, ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

4. Illi l-partijiet ilhom legalment separate u ma ghexux flimkien ghal dal-ahhar erba' snin u ma hemm ebda prospett  regenvoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikonkorru l-kreiteji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant ghal ragunijiet hawn fuq premessi l-esponent bir-rispett jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet, hu mahlul, u li l-parijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat** li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020, dehret l-intimata assistita li ddikjarat li mhix qed toggezzjona ghall-ghoti tad-divorzju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**